**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' L-Edukazzjoni

| **IR-RABA' SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN : SIEGĦA U NOFS** |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

**A. Bħala suġġett l-Istudji Soċjali jinkludi informazzjoni dwar suġġetti oħrajn differenti li lkoll għandhom rabta ma' dan is-suġġett.**
**Qabbel kollonna A ma' B billi tikteb in-numru skond il-ħsieb:**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġografija | | Sistema ta' twemmin f'Alla li tgħin l-ordni fis-soċjeta'. |
| 2. | Ekonomija | | Sistema ta' kif jitmexxa pajjiż f'demokrazija. |
| 3. | Saħħa | | Ftehim bejn min jaħdem u min iħaddem dwar kundizzjonijiet ta' xogħol. |
| 4. | Komunikazzjoni | | Programm ta' prinċipji dwar l-edukazzjoni fil-pajjiż. |
| 5. | Studji Soċjali | | Studju ta' pajjiżi oħrajn. |
| 6. | Reliġjon | | Kif jitqassmu r-riżorsi tal-pajjiż. |
| 7. | Storja ta' Malta | | Servizzi ta' kura u prevenzjoni tal-mard. |
| 8. | Politika | | Investigazzjoni fuq is-soċjeta'. |
| 9. | Relazzjonijiet Industrijali | | Ġrajjiet li għaddew minnhom missirijietna u pajjiżna. |
| 10. | Kurrikulu | | Nibnu relazzjonijiet billi nikkomunikaw bejnietna. |

**(1x10=10 marki)**

**B.** L-iskop ewlieni ta' l-Istudji Soċjali huwa s-soċjalizzazzjoni biex inkunu kapaċi nibnu relazzjonijiet emozzjonali u relazzjonijiet funzjonali bejnietna, u permezz ta' l-interazzjoni soċjali nifhmu aħjar lil xulxin. Din hija mibnija fuq ftehim bejn ir-rwoli differenti ta' l-individwi.

**Qiegħed l-kliem bil-linja taħthom skond it-tifsira:**

1. ______________________ = kif naqsmu bejnietna l- ħsibijiet u l-idejat tagħna.
2. ______________________ = is-sehem ta' l-individwi fis-soċjeta'.
3. ______________________ = ir-regoli ta' l-imġiba skond in-normi tas-soċjeta'.
4. ______________________ = relazzjoni li tgħinna naħdmu ma' l-oħrajn.
5. ______________________ = relazzjoni ma' dawk qrib tagħna.

**(2 x 5 = 10 marki)**

**Ċ.** Il-kostituzzjoni ta' Malta Repubblika hija l-ogħla liġi tal-pajjiż. F'dan id-dokument importanti hemm imniżżlin id-drittijiet tagħna bħala ċittadini Maltin, li ngħixu f'pajjiż demokratiku, fejn kulħadd bi dritt għandu l-ugwaljanza fl-opportunitajiet li toffri s-soċjeta' tagħna. Skond il-kostituzzjoni il-poter f'pajjiżna jinqasam bejn tliet taqsimiet importanti: il-leġislattiv, jew il-Parlament, fejn jgħaddu l-liġijiet; l-Amministrattiv, jew il-gvern, li jrid iwettaq dawn il-liġijiet fil-prattika għall-ġid tagħna lkoll; kif ukoll il-ġudizzjarju, jew il-qrati, li jridu jħarsu dawn il-liġijiet u jaraw li kulħadd jimxi magħhom. Wara kollox, huwa permezz ta' dawn il-liġijiet li aħna għandna l-ordni fis-soċjeta' tagħna, li ġġib il-paċi u l-progress għalina lkoll.

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:</u>**

1. X'inhi l-kostituzzjoni? ____________________________________________

____________________________________________

2. X'hemm miktub fiha? ____________________________________________

____________________________________________

3. X'sistema politika għandna f'pajjiżna? ____________________________________________

____________________________________________

4. X'jiġifieri 'ugwaljanza fl-opportunitajiet'? ____________________________________________

____________________________________________

5. Kif jinqasam il-poter fil-pajjiż skond il-kostituzzjoni? ____________________________________________

____________________________________________

6. X'inhu l-leġislattiv, u x-xogħol tiegħu? ____________________________________________

____________________________________________

7. X'inhu l-amministrattiv u x-xogħol tiegħu? ____________________________________________

____________________________________________

8. X'inhu l-ġudizzjarju u x-xogħol tiegħu? ____________________________________________

____________________________________________

9. Għalfejn isiru l-liġijiet? ____________________________________________

____________________________________________

10. Liema hu l-akbar dritt ta' għażla li għandna? ____________________________________________

____________________________________________

**(2x10=20 marka)**

**D. Il-progress kulħadd jieħu pjaċir bih. Iżda jibqa' l-fatt li mhux kull tibdil iġib biss vantaġġi. Dan jista' jġib ukoll żvantaġġi. Semmi <u>ŻEWĠ ŻVANTAĠĠI</u> ta':**

1. televiżjoni ______________________ ______________________
2. karozzi ______________________ ______________________
3. infieq żejjed ______________________ ______________________
4. ikel żejjed ______________________ ______________________
5. magni ______________________ ______________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**E. Fis-soċjeta' kollox isir bi skop u lkoll għandna għan wieħed: dak li lkoll naħdmu flimkien għall-ġid tagħna lkoll. Għid għaliex dawn jaħdmu flimkien:**

1. il-familja u l-iskola: ______________________________________________
2. il-membri tal-partiti fil-parlament: ______________________________________________
3. il-gvern u l-kunsilli lokali: ______________________________________________
4. il-ħaddiem u l-maniġer: ______________________________________________
5. il-pulizija u l-qrati: ______________________________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**F. <u>X'differenza hemm bejn:</u>**

1. familja nuklejari u familja estiża ______________________________________________
2. soċjalizzazzjoni primarja u soċjalizzazzjoni sekondarja ______________________________________________
3. kontroll personali u kontroll soċjali ______________________________________________
4. il-gvern ċentrali u l-kunsill lokali ______________________________________________
5. edukazzjoni sekondarja u edukazzjoni terzjarja ______________________________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

## Ġ. <u>X'taħseb dwar dawn is-sitwazzjonijiet soċjali?</u>

1. Il-qofol ta' l-industrija tat-Turiżmu jiddependi minn kemm aħna nkunu kburin bil-wirt kulturali tagħna. X'rwol għandna aħna ċ-ċittadini f'dan il-qasam?

2. Il-bidla soċjali qegħda tolqot ukoll il-familja f'Malta. X'bidliet tosserva fil-familja Maltija?

3. L-informatika żiedet ir-rabtiet soċjali. X'inhuma l-effetti pożittivi u negattivi ta' dan?

**(5 x 3 =15-il marka)**

## G. <u>Agħżel WIEĦED u ikteb xi 200 kelma dwaru:</u>

1. Għaliex hawn min iqis il-familja bħala bażi tas-soċjalizzazzjoni?
2. X'effetti qiegħed ikollha l-kultura Dinjija fuq il-kultura Maltija?
3. Il-futur ta' pajjiżna jiddependi fuq it-tagħlim. Spjega s-sistema edukattiva Maltija.
4. Iddeskrivi t-tliet setturi ta' l-ekonomija?
5. Tkellem dwar xi proġett jew attivita' ta' l-iskola u għid x'tgħallimt minnha.

**(15-il marka)**